# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru   7**

**Avviz  numru  191/02/SM**

**Defranco Enterprises Limited**

**vs**

**Krosse Joinery Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf tmin mija wiehed u erbghin lira sitta u disghin centezmu (LM1,841.96,0) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' injam lilhom mibjugh u lilhom ikkonsenjat;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Novembru 2001 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-18 ta' April 1999 li**

**hija d-data tal-konsenja, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata 7 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez u imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**